# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ottubru 2011 - Nru. 348



Il-Paċi tal-Mulej magħkom

Għadda s-sajf u issa nerġgħu nibdew ir-rutina tas-soltu. Kollox irid ikun fil-ħajja. Ix-xahar ta' Ottubru iġib miegħu wkoll bidu ta' sena skolastika kif ukoll tibda id-duttrina, sena ta' katekezi għat tfal. Imma ġenituri irridu nifhmu li l-ewwel għalliema tat-trasmissjoni tal-fidi f'uliedkom hija f'idejkom. Il-katekisti huma għajnuna għalikom fejn jgħinukom f'dak li huwa tagħlim nisrani u kontinwazzjoni ta' dak li intom id-dar tagħlmu lil uliedkom. Għalhekk huwa importanti li mat-tfal tagħkom intom tiddiskutu dak li jagħlmuhom fil-klassijiet tad-duttrina. Ma jistax ikun li dawn tibgħatuhom id-duttrina u daqsekk. Hemm bżonn ta' ko-operazjoni wkoll minn naħa tagħkom biex hekk ikunu qegħdin jikbru tfal fil-fidi kif ukoll intom tkunu tafu x'qiegħed issir fil-klassijiet tad-duttrina.

F'Ottubru niċċelebraw ukoll il-festa ta' Missierna San Franġisk. San Franġisk beda l-Ordni tagħna l-Patrijiet. B'imħabba u b'impenn huwa wasal biex ħalla kollox warajh biex ikun jista' jagħti lilu nnifsu totalment għal Alla. Pass li għal ħafna mhuwiex faċli imma bi ftit impenn wieħed jista' jasal għalih. Il-ħajja reliġjuza mijiex faċli. Ħafna jaħsbu li hija faċli imma bħal kull ħaġa oħra fija is-sagrifiċji li patri irrid jagħti. Il-ħajja u regola tagħna l-patrijiet hija li aħna irridu ngħixu l-Vangelu, u tafu daqsi li biex tgħix il-Vangelu trid ikollok impenn. L-Istess f'Parroċċa trid ikollok impenn biex inti tkun tista' taħdem verament għal glorja ta' Alla, għaliex jekk ma taħdimx għal glorja ta' Alla tkun qed tagħmel il-ħsara lilek innifsek u l-komunita' kollha.

Mela ejjew flimkien naħdmu bi spirtu franġiskan b'sempliċita' u għal ġid tal-komunita'. Kull komunita' illum għandha bżonn iżjed minn qatt qabel nies li jiddedikaw ruhom għall-imħabba ta' l-aħwa. Dan kien l-iskop ta' san Franġisk, u dan għandu jkun l-iskop tagħna fil-parroċċa, li aħna nagħtu lilna infusna biex ninbnew aħjar f'dak li huwa tixrid tal-kelma ta' Alla. Il-ftit ta' kulħadd iwassal biex aħna nkunu verament nies ta' fidi soda u għalhekk flimkien nistgħu nkunu ta' għajnuna għal dawk li huma il-bogħod minn Alla, kemm dawk li huma kbar fl'eta, kif ukoll, u l-iżjed importanti, għat-tfal, adoloxxenti u żgħażagħ, li f'soċjeta li qegħdin ngħixu fiha illum hija wisq materjalista. Għalhekk aħna l-insara irridu nagħtu dak li huwa nisrani lil kull kategorija tal-ħajja.

Tkunu imberkien

P. Donald M. Bellizzi -- Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## Talba għas-Sacerdoti

(Miktuba mill-Kardinal John O'Connor)

**Mulej Gesu', ahna l-poplu tieghek, nitolbuk ghas-sacerdoti taghna. Inti tajthomna ghal bzonnijiet taghna. Ahna nitolbuk ghalihom fil-bzonnijiet taghhom.**

**Ahna nafu illi inti ghamilthom sacerdoti li jixbhu lis-Sacerdozju tieghek. Inti ghazilthom, ikkonsagrajthom, dlikthom, imlejthom bl-Ispirtu Qaddis Tieghek, htarthom biex jghallmu, jamministraw is-sagramenti, ixandru l-Bxara t-Tajba, jikkunslaw, jahfru, u jitimghuna bil-Gisem u d-Demm tieghek.**

**Imma nafu wkoll illi huma dghajfin bhalna. Nafu wkoll li jigu ttentati ghad-dnub u ghall-qtigh il-qalb bhalna. Bhalna huma ghandhom bzonn il-farag u l-mahfra. Nirringrazzjawk talli ghazilthom minn fostna, biex huma jifhmuna bhalma ahna nifhmu lilhom, biex ibatu u jifirhu maghna, biex jinkwetaw maghna u jafdaw fiK bhalna, biex jaqsmu maghna l-hajja u l-fidi.**

**Nitolbu biex illum inti taghtihom ir-rigal illi inti tajt lid-dixxipli ta' Emmaus: il-Prezenza tieghek f'qalbhom, il-Qdusija tieghek f'ruhhom, il-Ferh tieghek fl-Ispirtu taghhom.**
**U hallihom jarawk wicc imb'wicc fil-qsim tal-hobza Ewkaristika.**

**Nitolbu lilek Mulej, bl-intercessjoni ta' Marija, omm is-sacerdoti kollha, ghas-sacerdoti tieghek. Amen.**




**Min jonora sacerdot,**
**ikun qieghed jonora lil Kristu.**
**Min izeblah sacerdot,**
**ikun qieghed izeblah lil Kristu.**

*(San Gwann Krisostmu)*

# Kalendarju Ottubru

**Is-Sibt 1**: L-ewwel Sibt tax-xahar. Fis-6.00pm adorazzjoni b'riparazzjoni għal offizi li isiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija. Ikun ukoll l-Ewwel Jum tat-Tridu tal-Festa ta' Missierna San Frangisk. Il-Quddiesa tkun animata mill-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

**Il-Ħadd 2**: It-Tieni jum tat-tridu. Fis-6.30 rużarju franġiskan, wara quddiesa bi ħsieb fuq San Franġisk, animata mil-kor tal-Parroċċa, Ħlewwa ta' Marija.

**It-Tnejn 3**: It-Tielet jum tat-tridu. Fis-6.30 rużarju meditat bi ħsibijiet franġiskani. Quddiesa bi ħsieb fuq San Franġisk. Wara l-quddiesa jiġi ċċelebrat it-Transitu ta' San Franġisk li fih infakkru l-passaġġ tiegħu minn din il-ħajja għall-ħajja ta' dejjem. Jieħu sehem il-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

**It-Tlieta 4**: **Solennita' ta' Missierna San Franġisk**. Jum l-Ambjent. Fis-6.15pm Corda *Pia.* Fis-7.00pm Quddiesa konċelebrata mill-Patrijiet fl-okkażjoni tal-Festa tal-Patrijarka missierhom. Bis-sehem tal-kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija

**Il-Ħamis 6**: Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat.

**Il-Gimgħa 7:** Festa tal-Madonna tar-Ruzarju

**Il-Ħadd 9**: **Jum it-Tagħlim Nisrani**. Fit-8.30 a.m. quddiesa speċjali għall-Katekisti, għat-tfal tad-Duttrina u l-Ġenituri tagħhom. Jiġi mogħti il-Mandat lill-Katekisti għal din is-sena.

**L-Erbgħa 12 – Is-Sibt 15**: Tiġi ċċelebrata t-tieni parti tal-Kapitlu Provinċjali tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. F'din il-parti isir il-program għall-erba' snin li ġejjin u jintagħżlu s-superjuri tal-kunventi.

**Is-Sibt 15**: P. Manuel Gatt, iben il-parroċċa tagħna sejjer jiċċelebra quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'għeluq l-40 sena minn meta huwa ġie ordnat Saċerdot. Aħna nifirħulu u inweduh it-talb tagħna.

**Il-Ħadd 16**: Laqgħa tal-gruppi familji insara fl-10.30am

**It-Tlieta 25:** Fis-6.00pm Ruzarju meditat u adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

# Il-Wegħda l-Kbira tal-Qalb ta’ Ġesù

***Tagħrif maqlub għal Malti minn Dun Pietru Pawl Grima.***

*(Bl-approvazzjoni tal-Knisja.)*



"Kulħadd għall-Ġenna" kien jgħajjat San Frangisk ħuwa u jdaħħal l-insara fil-Knisja ta’ Santa Marija tal-Anġli, meta qala’ mingħand il-Papa l-Indulġenza tal-Porzjuncola.
Nistgħu ntennu aħna wkoll din il-għajta la darba l-Qalb ta’ Ġesù nnifsu wegħidhielna.
X’nistgħu nixtiequ iżjed? Għax li tmur il-ġenna jimlielna qalbna b’ferħ kbir.
Meta għamel din il-wegħda, Ġesù? Il-Qalb ta’ Ġesù għamel tnax il-wegħda għall-ġid tagħna.
Se nsemmu llum biss fuq il-Wegħda l-Kbira. Aktar ‘il quddiem nsemmu wkol il-wegħdiet l-oħra.
Ġesù deher lil Santa Margerita Marija Alacoque.Ħija kellha 26 sena u kienet għadha kif daħlet soru. Deherilha tliet darbiet. L-ewwel dehra kienet fis-27 ta’ Diċembru 1673, it-tieni f’Corpus Domini tas-sena 1674 u t-tielet dehra fis-16 ta’ Ġunju 1675.
Ġesù qalilha hekk. "Jiena nwegħdek fil-Ħniena bla qies tal-Qalb Tiegħi, li l-imħabba Tiegħi, li tista’ kollox tagħti l-grazzja tal-indiema tal-aħħar lil dawk kollha li jitqarbnu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar għal disa' xhur wara xulxin. Huma ma jmutux imbegħdin Minni u lanqas bla Sagramenti, u qalbi tkun rahan li ma jigix nieqes għalihom f'dik l-aħħar siegħa."
Kieku din il-wegħda hekk kbira ma ħargitx minn fomm l-Iben t'Alla konna naqtgħu qalbna,għax hi ħaga kbira li b'disa' tqarbiniet, wieħed ikollu jedd għall-ġenna.
Il-Papa Benedittu xandarha hu wkoll u għamel qaddisa lil Santa Margerita Maria Alacoque.
Nemmen li ħafna adulti jippratikaw din id-devozzjoni, pero mhux biżżejjed, jeħtieġ li ngħallmu lil uliedna ukoll biex jipprattikaw din id-devozzjoni u nkunu devoti lejn l-Ewkaristija u l-grazzji li Ġesù għoġbu jagħtina għax għandu mħabba kbira lejna.

QALB IMQADDSA TA’ ĠESÙ JIENA NEMMEN F'IMĦABBTEK GĦALIJA..

*Tagħrif miġbur minn Carmen Gatt.*

# Żvilupp tagħna u ta' Uliedna

## Sena Skolastika Ġdida

Is-Sajf nistgħu ngħidu li għadda – l-aktar mhux għax spiċċat is-sħana, iżda iżjed għax it-tfal irritornaw lura għall-iskola. Il-bidu ta' sena skolastika ġdida għalina l-Maltin jimmarka tmiem ta' staġun u bidu ta' ieħor. Ir-rutina tat-tfal tinbidel u magħha tinbidel ukoll ir-rutina tal-familja kollha. Fil-għodu kulħadd irid iqum qabel u għalhekk fil-għaxija kulħadd jinġabar id-dar qabel.

Ħafna tfal u familji din il-bidla jidħlu fiha mingħajr ebda diffikultajiet – anzi jkun hemm tfal, u bla dubju ħafna ġenituri, li speċjalment fl-aħħar tal-vaganzi jkunu qed jistennew il-bidu tas-sena skolastika b'ħerqa. Iżda ma nistgħux ma nsemmux dawk it-tfal li għalihom dan il-bidu jġib miegħu sfida, u forsi għal ftit minnhom joħloq ukoll diffikultajiet. M'għandniex xi ngħidu li bħal kull ħaġa oħra li tiġri fil-ħajja tat-tfal dawn id-diffikultajiet joħolqu wkoll inkwiet u anzjeta' fil-ġenituri, u b'hekk dan il-bidu ġdid jista' jġib miegħu ftit instabilta' fil-ħajja tat-tfal u tal-familja kollha.

Il-ġenituri għandhom rwol importanti ħafna f'sitwazzjoni bħal din. Iridu jżommu f'moħħhom illi t-tfal għandhom sensittivita' qawwija għal dak li jkunu qed iħossu l-ġenituri tagħhom, u b'hekk anki jekk il-ġenituri ma jkunux qed jgħidu bil-kliem li jinsabu inkwetati jew anzjużi, it-tfal kapaċi jindunaw b'dan. Għalhekk il-ġenitur irid iżomm kalm meta l-affarijiet l-iskola ma jkunux sejrin kif mixtieq u forsi jkun jidher li t-tfal mhumiex qed ikunu għal qalbhom u trankwilli l-iskola. Dan ma jfissirx li jinjoraw dak li qed iħossu t-tfal, jew li ma jippruvawx jagħmlu l-almu tagħhom sabiex itejbu s-sitwazzjoni. Anzi, bil-maqlub; jiġifieri jekk il-ġenitur jirnexxielu jibqa' kalm u ma jkunx anzjuż, hemm ċans akbar illi d-diffikultajiet li t-tfal ikunu qed iħabbtu wiċċhom magħhom, ikun kapaċi jsolvihom b'mod aktar kreattiv u b'hekk jgħin lit-tfal tiegħu isibu posthom f'dan l-ambjent tal-iskola u f'din ir-rutina ġdida malajr.

Għalkemm id-diffikultajiet li t-tfal jiltaqgħu magħhom fil-kuntest tal-iskola jistgħu ikunu varji, ir-riċerka turi li hemm punti partikolari li għandhom tendenza joħolqu aktar anzjeta' fit-tfal. Fost dawn insibu dak iż-żmien li t-tfal jiġu introdotti għas-sistema tal-iskola, jiġifieri, fil-każ ta' Malta meta t-tfal ikollhom tliet snin u jibdew imorru l-Kindergarten, kif ukoll l-attendenza fi skola ġdida, li għal ħafna tfal issir meta huma jagħmlu l-bidla mill-primarja għas-sekondarja. Ma ninsewx ukoll lil dawk

iż-żgħażagħ li jibdew l-edukazzjoni tagħhom fil-livell post-sekondarju, jiġifieri f'istituzzjonijiet bħas-Sixth Form, il-Higher Secondary jew l-MCAST. Dawn ukoll ikollhom sfidi ġodda u għandhom bżonn is-sapport tal-ġenituri.

Meta t-tfal ikollhom tliet snin u jibdew imorru l-iskola għal numru minnhom dan ikun ifisser firda minn ma' dawk li l-aktar li jħossuhom qrib tagħhom u sikuri magħhom, l-aktar mill-ġenituri. F'daqqa waħda t-tfal isibu ruħhom f'ambjent ġdid u jiltaqgħu ma' ħafna nies ġodda. Tajjeb li l-ġenituri jkunu sensittivi għal dan kollu u jagħrfu jinkoraġġixxu lit-tfal tagħhom sabiex din l-isfida tkun tista' tintlaħaq mingħajr intoppi żejda. Għalhekk tajjeb li l-ġenituri jippreparaw liċ-ċkejknin għal dak li se jkun hemm fl-iskola u jirrepetulhom illi wara ftit ħin huma ser jerġgħu jirritornaw id-dar. Bħala adulti din tal-aħħar aħna nifhmuha mingħajr problemi imma tfal ta' 3 snin ikollhom bżonn ftit aktar assigurazzjoni illi ser jerġgħu jiġu d-dar, speċjalment jekk ma jkollhomx ħuthom li diġa' jmorru l-iskola.

F'każ ta' tfal ta' ħdax-il sena is-sitwazzjoni hi differenti minn dik ta' tfal ta' 3 snin, iżda ma jfissirx li hi aktar faċli. Ikun hawn diversi tfal li f'din il-bidla jkollhom bżonn ħafna sapport. Biex nifhmu dawn it-tfal xi jkunu għaddejjin minnu tajjeb naħsbu f'dawk id-drabi meta aħna biddilna l-post tax-xogħol tagħna. Kollox ikun ġdid u meta l-bniedem jiltaqa' ma' dak li mhux familjari huwa naturali li dan joħloqlu ftit ta' tensjoni. Għalhekk tajjeb li l-ġenituri ta' dawn it-tfal jinkuraġġuhom jitkellmu dwar l-esperjenza tagħhom fl-iskola l-ġdida – ma ninsewx li t-tfal minbarra ambjent ta' skola ġdida b'għalliema kollha ġodda u ħbieb ġodda, jibdew jitgħallmu wkoll suġġetti ġodda u mhux it-tfal kollha jsibu din it-transizzjoni faċli.

Il-ġenituri tajjeb li jiftakru li hu mportanti li jiddiskutu d-diffikultajiet tat-tfal tagħhom mal-professjonisti tal-iskola jekk ikun hemm bżonn. Huwa għaqli li ma nistennewx sal-Parents' Day jekk aħna ninsabu nkwetati dwar xi aspett tal-edukazzjoni ta' uliedna. Tajjeb ukoll li ngħinu lit-tfal jorganizzaw ruħhom – fil-bidu jista' jkun li jkollhom bżonn min jgħinhom jagħmlu t-*timetable* biex ma jispiċċawx iġorru ħafna kotba għal xejn. Irridu nżommu f'moħħna li dak li aħna narawh faċli jista' jkun li t-tfal ikunu għadhom qed jitgħallmuh u b'hekk irridu nkunu preparati li nieħdu aktar paċenzja f'dan iż-żmien.

Fl-aħħarnett nawgura lit-tfal u ż-żgħażagħ tagħkom sena skolastika mimlija ħidma u tagħlim pożittiv li jgħinhom jikbru mhux biss f'dak li hu akkademiku iżda personalment u soċjalment ukoll!

Daniella Zerafa

## *Provinċjal Ġdid*

Il-Parijiet Franġiskani Minuri Konventwali għandhom Provinċjal ġdid: PATRI ALFRED CALLEJA. Dan ġie elett fl-ewwel parti tal-Kapitlu Provinċjali Ordinarju, nhar l-Erbgħa, 14 ta' Settembru 2011. Din hi is-sitt darba li Patri Alfred kien elett Ministru Provinċjal. F'isem il-Patrijiet kif ukoll il-parruċċani kollha aħna nawgurawlu ħidma fejjieda b'risq l-aħwa kollha u newgħduh li nżommuh fit-talb tagħna. Minn qalbna nirringrazzjaw lill-ex Ministru Provinċjal, Patri Samuel Chetcuti u nawgurawlu li jkompli l-ħidma tiegħu fl-għalqa tal-Mulej għall-ġid tal-poplu t'Alla. Nawguraw ukoll lid-Definituri l-ġodda, li flimkien mal-Provinċjal ser imexxu l-Provinċja:
Patri Arthur Saliba, Vigarju;
P. Charles Baldacchino, Segretarju,
P. Ġorġ Zammit u P. Joe Mamo.

# Tajjeb tkun taf:

- Is-Sibt 15 u l-Hadd 16 ikollna il bazaar fis-sala tal kunvent
- Quddiesa u breakfast ( 20 -21) dati u post iridu jigu konfermati dettalji fl'avvizi tal Knisja.
- Il-Librerija issa qegħda tkun miftuħa is-sibtijiet filgħodu bejn id-9.00am u nofs inhar. Ħeġġu lil uliedkom kif ukoll intom biex tagħmlu uzu mill-librerija.
- Infakkarkom fil-Kappella tas-sagrament li tkun miftuħa kull nhar ta' Ħamis bejn id-9.00am u nofs inhar.

